SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

18 ta' Diċembru 2025*

"Appell – Saħħa pubblika – Prodotti tat-tabakk imsaħħan – Irtirar ta' ċerti eżenzjonijiet – Direttiva Delegata (UE) 2022/2100 – Rikors għal annullament – *Locus standi* – Ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE – Kundizzjoni li r-rikorrent għandu jkun ikkonċernat individwalment mill-att ikkontestat – Ċirku ristrett ta' operaturi ekonomiċi – Obbligi ta' rappurtar u ta' notifika – Awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni"

Fil-Kawża C-731/23 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentat fid-29 ta' Novembru 2023,

Nicoventures Trading Limited, stabbilita f'Londra (ir-Renju Unit),

British American Tobacco (Germany) GmbH, stabbilita f'Hamburg (il-Ġermanja),

British American Tobacco Italia SpA (BAT Italia), stabbilita f'Ruma (l-Italja),

British American Tobacco Polska Trading sp. z o.o., stabbilita f'Varsavja (il-Polonja),

British American Tobacco España SA, stabbilita f'Madrid (Spanja),

P.J. Carroll & Company Limited, stabbilita f'Dublin (l-Irlanda),

irrappreżentati minn M. Schonberg u L. Van den Hende, advocaten,

appellanti,

il-partijiet l-oħra fil-kawża li huma:

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn F. van Schaik u H. van Vliet, bħala aġenti,

konvenuta fl-ewwel istanza,

sostnuta minn:

Ir-Repubblika Franċiża, irrappreżentata minn M. de Lisi, B. Fodda, u B. Travard, bħala aġenti,

intervenjenti fl-appell,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn K. Jürimäe (Relatriċi), Presidenta tal-Awla, K. Lenaerts, President tal-Qorti tal-Ġustizzja, li qiegħed jaġixxi bħala Mħallef tat-Tieni Awla, F. Schalin, M. Gavalec u Z. Csehi, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: N. Emiliou,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-12 ta' Ġunju 2025,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħhom, Nicoventures Trading Limited, British American Tobacco (Germany) GmbH, British American Tobacco Italia SpA (BAT Italia), British American Tobacco Polska Trading sp. z o.o., British American Tobacco España SA u P.J. Carroll & Company Limited jitolbu l-annullament tad-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-20 ta' Settembru 2023, Nicoventures Trading *et* vs Il-Kummissjoni (T-706/22, iktar 'il quddiem id-"digriet appellat", EU:T:2023:579), li permezz tiegħu l-Qorti Ġenerali ċaħdet bħala inammissibbli r-rikors tagħhom intiż għall-annullament tad-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2022/2100 tad-29 ta' Ġunju 2022 li temenda d-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-irtirar ta' ċerti eżenzjonijiet fir-rigward tal-prodotti tat-tabakk imsaħħan (ĠU 2022, L 283, p. 4, u rettifika fil-ĠU 2023, L 188, p. 62, iktar 'il quddiem id-"Direttiva Delegata").

Il-kuntest ġuridiku

Id-Direttiva 2014/40/UE

2 Id-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati u li tħassar id-Direttiva 2001/37/KE (ĠU 2014, L 127, p. 1 u rettifika fil-ĠU 2015, L 150, p. 24), tiddefinixxi r-regoli għat-tqegħid fis-suq tal-prodotti tat-tabakk.

3 Skont l-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, bit-titolu "Definizzjonijiet":

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[…]

(18) ‘ingredjent’ tfisser tabakk, addittiv, kif ukoll kwalunkwe sustanza jew element preżenti fi prodott tat-tabakk lest jew prodotti relatati, inkluż il-karta, il-filtru, il-linka, il-kapsuli u l-kolla;

[…]

(25) ‘togħma karatterizzanti’ tfisser riħa jew togħma oħra għajr ta’ tabakk li tista’ tiġi nnotata b’mod ċar, li tirriżulta minn addittiv jew taħlita ta’ addittivi, li tinkludi iżda mhijiex limitata għal frott, ħwawar, ħxejjex aromatiċi, alkoħol, ħelu, mentol jew vanilla, li tista’ tiġi osservata qabel jew matul il-konsum tal-prodott tat-tabakk;

[…]

(28) ‘bidla sostanzjali taċ-ċirkostanzi’ tfisser żieda tal-volumi tal-bejgħ skont il-kategorija tal-prodotti b’mill-inqas 10 % f’mill-anqas ħames Stati Membri abbażi tad-data tal-bejgħ trażmessa f’konformità mal-Artikolu 5(6) jew żieda tal-livell ta’ prevalenza tal-użu fil-grupp tal-konsumaturi li għandhom inqas minn 25 sena b’mill-anqas ħames punti perċentwali f’mill-anqas ħames Stati Membri għall-kategorija tal-prodott rispettiva bbażata fuq ir-rapport Speċjali tal-Ewrobarometru nru 385 ta’ Mejju 2012 jew studji ta’ prevalenza ekwivalenti; fi kwalunkwe każ ma jkunx meqjus li seħħet bidla sostanzjali taċ-ċirkostanzi jekk il-volum tal-bejgħ tal-kategorija ta’ prodott fil-livell bl-imnut ma jeċċedix 2,5 % tal-bejgħ totali tal-prodotti tat-tabakk fil-livell tal-Unjoni [Ewropea];

[…]”

4 L-Artikolu 5 tal-imsemmija direttiva, bit-titolu “Rappurtar tal-ingredjenti u l-emissjonijiet”, jipprovdi:

“1. L-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-manifatturi u l-importaturi tal-prodotti tat-tabakk jibagħtu lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom l-informazzjoni li ġejja skont l-isem tad-ditta u t-tip:

(a) lista tal-ingredjenti kollha, u l-kwantitajiet tagħhom, użati fil-manifattura tal-prodotti tat-tabakk f’ordni dixxendenti tal-piż ta’ kull ingredjent inkluż fil-prodotti tat-tabakk;

[…]

Għal prodott tat-tabakk ġdid jew modifikat l-informazzjoni meħtieġa taħt dan l-Artikolu għandha tiġi ppreżentata qabel ma dawk il-prodotti jitqiegħdu fis-suq.

[…]

6. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu lill-manifatturi u l-importaturi biex jippreżentaw studji interni u esterni li jkollhom disponibbli dwar ir-riċerka tas-suq u l-preferenzi ta’ diversi gruppi ta’ konsumaturi, inklużi ż-żgħażagħ u dawk li attwalment ipejpu, fir-rigward tal-ingredjenti u l-emissjonijiet, kif ukoll sommarji eżekuttivi ta’ kwalunkwe stħarriġ tas-suq li huma jwettqu meta jillanċjaw prodotti ġodda. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu ukoll li l-manifatturi u l-importaturi jirrappurtaw il-volumi tal-bejgħ tagħhom għal kull ditta u tip, irrappurtat f’unitajiet jew kilogrammi, u għal kull Stat Membru fuq bażi annwali li tibda mill-1 ta’ Jannar 2015. L-Istati Membri għandhom jipprovdu kwalunkwe data oħra dwar il-volum tal-bejgħ li hija disponibbli għalihom.

7. Id-data u l-informazzjoni kollha li għandha tingħata lill-Istati Membri u minnhom skont dan l-Artikolu u skont l-Artikolu 6, għandhom jingħataw f'forma elettronika. L-Istati Membri għandhom iżommu l-informazzjoni elettronikament u għandhom jiżguraw li l-Kummissjoni u Stati Membri oħra jkollhom aċċess għal dik l-informazzjoni għall-fini tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. […]"

5 Skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2014/40, bit-titolu "Regolamentazzjoni ta' ingredjenti":

"1. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq ta' prodotti tat-tabakk b'togħma karatterizzanti.

[…]

7. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq ta' prodotti tat-tabakk li fihom aromi [togħmiet] fi kwalunkwe wieħed mill-komponenti tagħhom bħal filtri, karti, pakketti, kapsuli jew kwalunkwe karatteristika teknika li tippermetti l-modifika tar-riħa jew tat-togħma tal-prodotti tat-tabakk ikkonċernati jew l-intensità ta' duħħan tagħhom. Il-filtri, il-karti u l-kapsuli ma għandux ikun fihom tabakk jew nikotina.

[…]

12. Il-prodotti tat-tabakk għajr is-sigaretti u t-tabakk tal-brim għandhom ikunu eżentati mill-projbizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 7. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 27, sabiex tirtira dik l-eżenzjoni għal kategorija partikolari ta' prodott jekk ikun hemm bidla sostanzjali taċ-ċirkustanzi kif stabbilit f'rapport tal-Kummissjoni.

[…]"

6 L-Artikolu 9 ta' din id-direttiva jirrigwarda t-twissija ġenerali u l-messaġġ ta' informazzjoni li għandhom jidhru fuq il-pakketti individwali u fuq l-ippakkjar estern tal-prodotti tat-tabakk għat-tipjip. L-Artikolu 10 tal-imsemmija direttiva jippreċiża, min-naħa tiegħu, l-obbligi relatati mat-twissijiet tas-saħħa li għandhom jissemmew fuq kull pakkett individwali jew fuq kull ippakkjar estern ta' dawn il-prodotti.

7 Skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2014/40, bit-titolu "It-tikkettar tal-prodotti tat-tabakk għat-tipjip għajr sigaretti, it-tabakk tal-brim u t-tabakk tal-pipi tal-ilma":

"1. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw lill-prodotti tat-tabakk għat-tipjip għajr is-sigaretti, it-tabakk tal-brim u t-tabakk tal-pipi tal-ilma mill-obbligi li jintwera l-messaġġ tal-informazzjoni stabbilit skont l-Artikolu 9(2) u t-twissijiet tas-saħħa kkombinati stipulati fl-Artikolu 10. […]

[…]

6. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 27, sabiex tirtira l-possibbiltà li jingħataw eżenzjonijiet għal kwalunkwe kategorija partikolari tal-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 jekk ikun hemm bidla sostanzjali taċ-ċirkustanzi kif stabbilit f'rapport tal-Kummissjoni għall-kategorija ta' prodotti kkonċernata."

8 L-Artikolu 19 ta' din id-direttiva, intitolat "Notifika dwar prodotti tat-tabakk ġodda", jipprevedi:

"1. L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-manifatturi u l-importaturi tal-prodotti tat-tabakk ġodda jippreżentaw notifika lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri bi kwalunkwe tali li beħsiebhom iqiegħdu fis-swieq nazzjonali kkonċernati. In-notifika għandha tkun sottomessa f'forma elettronika sitt xhur qabel it-tqegħid maħsub fis-suq. Hija għandha tkun akkumpanjata minn deskrizzjoni dettaljata tal-prodott tat-tabakk ġdid ikkonċernat kif ukoll struzzjonijiet dwar l-użu tiegħu u informazzjoni dwar l-ingredjenti u l-emissjonijiet skont l-Artikolu 5. […]

2. […] L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha li jirċievu skont dan l-Artikolu.

3. L-Istati Membri jistgħu jintroduċu sistema għall-awtorizzazzjoni ta' prodotti tat-tabakk ġodda. […]

[…]"

Id-Direttiva Delegata

9 L-Artikolu 1 tad-Direttiva Delegata jipprovdi:

"Id-Direttiva [2014/40] hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 7(12) huwa sostitwit b'dan li ġej:

'12. Il-prodotti tat-tabakk għajr is-sigaretti, it-tabakk tal-brim u l-prodotti tat-tabakk imsaħħan għandhom ikunu eżentati mill-projbizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 7. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 27, sabiex tirtira dik l-eżenzjoni għal kategorija partikolari ta' prodott jekk ikun hemm bidla sostanzjali taċ-ċirkustanzi kif stabbilit f'rapport tal-Kummissjoni.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, 'prodott tat-tabakk imsaħħan' tfisser prodott tat-tabakk ġdid li jissaħħan biex jipproduċi emissjoni li jkun fiha n-nikotina u sustanzi kimiċi oħra, li mbagħad tingibed man-nifs mill-utent(i), u li, skont il-karatteristiċi tiegħu, huwa prodott tat-tabakk li ma jdaħħanx jew prodott tat-tabakk għat-tipjip.'

(2) L-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:
(a) l-intestatura hija sostitwita b'dan li ġej:

'Artikolu 11

It-tikkettar tal-prodotti tat-tabakk għat-tipjip għajr sigaretti, it-tabakk tal-brim, it-tabakk tal-pipi tal-ilma u l-prodotti tat-tabakk imsaħħan

b) fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

L-Istati Membri jistgħu jeżentaw lill-prodotti tat-tabakk għat-tipjip għajr is-sigaretti, it-tabakk tal-brim, it-tabakk tal-pipi tal-ilma u l-prodotti tat-tabakk imsaħħan kif definit fl-Artikolu 7(12), it-tieni subparagrafu mill-obbligi li jintwera l-messaġġ tal-informazzjoni stabbilit skont l-Artikolu 9(2) u t-twissijiet tas-saħħa kkombinati stipulati fl-Artikolu 10. F'dak il-każ, u flimkien mat-twissija ġenerali prevista fl-Artikolu 9(1), kull pakkett individwali u kwalunkwe ppakkjar estern ta' tali prodotti għandhom juru waħda

mill-kitbiet ta' twissijiet elenkati fl-Anness I. It-twissija ġenerali speċifikata fl-Artikolu 9(1) għandha tinkludi referenza għas-servizzi ta' waqfien mit-tipjip imsemmija tal-Artikolu 10(1)(b)."

Il-fatti li wasslu għall-kawża

10 Il-fatti li wasslu għall-kawża huma esposti fil-punti 2 sa 6 tad-digriet appellat. Għall-finijiet ta' dan l-appell, dawn jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej.

11 Il-grupp British American Tobacco (iktar 'il quddiem il-"grupp BAT"), li minnu jifformaw parti l-appellanti, jimmanifattura u jikkummerċjalizza prodotti tat-tabakk, fosthom prodotti tat-tabakk imsaħħan. Waħda mil-appellanti, Nicoventures Trading, inħolqot matul is-sena 2011 fi ħdan il-grupp BAT sabiex tikkonċentra esklużivament fuq l-iżvilupp u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti innovattivi mhux kombustibbli, fosthom il-prodotti tat-tabakk imsaħħan. Nicoventures Trading tbigħ il-prodotti tat-tabakk imsaħħan tal-grupp BAT lil kumpanniji oħra tal-grupp li fosthom hemm il-appellanti l-oħra. Dawn tal-aħħar jiżguraw jew għandhom l-intenzjoni li jiżguraw id-distribuzzjoni tal-prodotti ta' Nicoventures Trading fis-suq ta' erbatax-il Stat Membru.

12 Fil-15 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni ppubblikat, konformement mad-Direttiva 2014/40, rapport li jistabbilixxi bidla sostanzjali taċ-ċirkustanzi għall-prodotti tat-tabakk imsaħħan.

13 Wara dan ir-rapport, il-Kummissjoni, abbażi tal-Artikolu 7(12) u tal-Artikolu 11(6) tad-Direttiva 2014/40, adottat id-Direttiva Delegata. Mit-23 ta' Ottubru 2023, data li fiha l-Istati Membri kellhom jadottaw il-miżuri neċessarji sabiex jikkonformaw ruħhom mad-Direttiva Delegata, il-prodotti tat-tabakk imsaħħan ma għadhomx eżentati mill-projbizzjonijiet dwar togħmiet imsemmija fl-Artikolu 7(1) u (7) tad-Direttiva 2014/40. Barra minn hekk, mill-istess data l-prodotti tat-tabakk imsaħħan għat-tipjip mhux ipprojbiti bdew ikunu suġġetti għall-istess restrizzjonijiet ta' indikazzjonijiet fuq il-pakketti bħall-prodotti l-oħra tat-tabakk għat-tipjip mhux eżentati.

Il-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali u d-digriet appellat

14 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-16 ta' Novembru 2022, l-appellanti ppreżentaw rikors għall-annullament tad-Direttiva Delegata.

15 Peress li qieset li l-appellanti la kienu kkonċernati direttament u lanqas individwalment, fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, mid-Direttiva Delegata, il-Kummissjoni qajmet eċċezzjoni ta' inammissibbiltà fis-17 ta' Jannar 2023.

16 Permezz tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali laqgħet din l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà u ċaħdet ir-rikors bħala inammissibbli.

17 Il-Qorti Ġenerali kkonstatat, qabel kollox, fil-punti 13 u 14 ta' dan id-digriet, li d-Direttiva Delegata hija att regolatorju, fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, li, fl-Artikolu 2 tagħha, tipprevedi miżuri ta' implimentazzjoni, jiġifieri miżuri ta' traspożizzjoni li għandhom jiġu adottati mill-Istati Membri. Minn dan il-Qorti Ġenerali ddeduċiet li r-rikors għal annullament ma kienx jaqa' taħt it-tielet ipoteżi msemmija fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, jiġifieri dik li tgħid li kull persuna tista' tippreżenta rikors kontra l-atti regolatorji li jirrigwardawha direttament

u li ma jinvolvux miżuri ta' implementazzjoni. Hija kkonstatat ukoll li peress li l-appellanti ma kinux id-destinatarji tad-Direttiva Delegata, ir-rikors għal annullament ma setax jaqa' taħt l-ewwel ipoteżi msemmija f'din id-dispożizzjoni, li skontha kull persuna tista' tippreżenta rikors kontra l-atti indirizzati lilha. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali qieset li kellu jiġi eżaminat jekk l-appellanti kinux jaqgħu taħt it-tieni ipoteżi prevista fl-imsemmija dispożizzjoni, jiġifieri jekk humiex ikkonċernati direttament u individwalment mid-Direttiva Delegata.

18 F'dak li jirrigwarda l-kundizzjoni li r-rikorrent għandu jkun ikkonċernat direttament mill-att ikkontestat, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punti 24, 26 u 28 tad-digriet appellat, wara li fakkret il-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja, li Direttiva Delegata tippreġudika s-sitwazzjoni legali tal-operaturi li, bħall-appellanti, jikkummerċjalizzaw jew għandhom l-intenzjoni li jikkummerċjalizzaw prodotti tat-tabakk imsaħħan li fihom togħma karatterizzanti, sa fejn, wara l-adozzjoni ta' din id-direttiva, din il-kummerċjalizzazzjoni kellha ssir illegali. Dawn l-operaturi kien ser ikollhom ukoll l-obbligu li jinkludu fuq il-pakketti tal-prodotti tat-tabakk imsaħħan għat-tipjip mhux ipprojbiti l-istess twissijiet tas-saħħa bħal dawk li għandhom jidhru fuq il-pakketti ta' ċerti prodotti oħra tat-tabakk għat-tipjip.

19 L-appellanti kienu għalhekk ser isibu ruħhom suġġetti għall-projbizzjoni li jikkummerċjalizzaw prodotti tat-tabakk imsaħħan li fihom togħma karatterizzanti u għal obbligi li jirriżultaw direttament mid-Direttiva Delegata, indipendentement mill-fatt li din id-direttiva tinkludi miżuri ta' implimentazzjoni, jiġifieri miżuri ta' traspożizzjoni li għandhom jiġu adottati mill-Istati Membri. Fil-fatt, f'dan il-każ, il-miżuri ta' traspożizzjoni previsti mill-imsemmija direttiva huma neċessarji biss għall-applikazzjoni sħiħa tal-imsemmija projbizzjonijiet u obbligi fid-drittijiet tal-Istati Membri, mingħajr ma dawn għandhom setgħa diskrezzjonali awtonoma, peress li d-Direttiva Delegata ma tħalli ebda marġni ta' evalwazzjoni lill-Istati Membri fir-rigward ta' dawn il-projbizzjonijiet u dawn l-obbligi.

20 Għalhekk, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-appellanti kellhom jitqiesu bħala kkonċernati direttament minn din id-direttiva u li ebda wieħed mill-argumenti mressqa mill-Kummissjoni ma seta' jikkonfuta dawn l-evalwazzjonijiet.

21 F'dak li jirrigwarda l-kundizzjoni li r-rikorrent għandu jkun ikkonċernat individwalment mill-att ikkontestat, il-Qorti Ġenerali qabel kollox fakkret, fil-punt 36 tad-digriet appellat, billi bbażat ruħha, b'mod partikolari, fuq is-sentenza tal-15 ta' Lulju 1963, Plaumann vs Il-Kummissjoni (25/62, EU:C:1963:17), li l-atti ta' portata ġenerali jistgħu jikkonċernaw individwalment ċerti persuni fiżiċi jew ġuridiċi, u għalhekk ikunu ta' natura deċiżjonali fir-rigward tagħhom, meta, b'mod partikolari, dawn l-atti jaffettwawhom minħabba ċerti kwalitajiet li huma partikolari għalihom jew minħabba sitwazzjoni ta' fatt li tikkaratterizzahom meta mqabbla ma' kull persuna oħra u, minħabba dan il-fatt, tindividwalizzahom bl-istess mod bħal destinatarju.

22 Filwaqt li għamlet riferiment għall-punt 18 tas-sentenza tat-18 ta' Mejju 1994, Codorniu vs Il-Kunsill (C-309/89, EU:C:1994:197), il-Qorti Ġenerali ppreċiżat, fil-punt 37 tad-digriet appellat, li l-portata ġenerali u, għaldaqstant, in-natura normattiva ta' att ma humiex imqiegħda indiskussjoni minħabba l-possibbiltà li jiġi ddeterminat, ftit jew wisq bi preċiżjoni, in-numru jew saħansitra l-identità tal-persuni li għalihom japplika f'mument partikolari, kemm-il darba jkun stabbilit li huwa japplika għalihom minħabba sitwazzjoni legali jew fattwali oġġettiva ddefinita minn dan l-att b'rabta mal-għan ta' dan tal-aħħar.

23 Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali eżaminat l-argumenti mressqa mill-appellanti sabiex juru li huma kienu kkonċernati individwalment mid-Direttiva Delegata.

24 L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali qieset, fil-punt 45 tad-digriet appellat, li s-sempliċi fatt li l-operaturi li għamlu rappurtar jew notifika, rispettivament previsti fl-Artikoli 5 u 19 tad-Direttiva 2014/40, jew li kellhom awtorizzazzjoni, skont sistema stabbilita skont l-Artikolu 19(3) ta' din id-direttiva, kienu identifikabbli fil-mument tal-adozzjoni tad-Direttiva Delegata ma huwiex biżżejjed sabiex jiġi stabbilit li huma kkonċernati individwalment meta din id-direttiva delegata tapplika bis-saħħa ta' kunsiderazzjonijiet ġenerali u astratti. Skont il-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni ma kellhiex l-obbligu li tieħu inkunsiderazzjoni b'mod partikolari s-sitwazzjoni tagħhom waqt l-adozzjoni tad-Direttiva Delegata.

25 It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali ċaħdet, fil-punt 46 tad-digriet appellat, l-argument ibbażat fuq in-numru żgħir ta' impriżi affettwati mid-Direttiva Delegata, peress li n-numru ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi affettwati minn tali att ma kienx determinanti f'dan ir-rigward.

26 It-tielet nett, fil-punt 47 tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali aċċettat li l-projbizzjoni assoluta ta' kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tat-tabakk imsaħħan li fihom togħmiet karatterizzanti, li tirriżulta mid-Direttiva Delegata, ser ikollha neċessarjament l-effett li tpoġġi indiskussjoni l-awtorizzazzjonijiet relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' tali prodotti tat-tabakk miżmuma minn uħud mill-appellanti. Madankollu, hija qieset, fil-punti 47 u 49 tad-digriet appellat, li tali awtorizzazzjonijiet, mogħtija mingħajr esklużività, ma jistgħux jitqiesu li jikkaratterizzaw u jindividwalizzaw il-pożizzjoni tad-detenturi tagħhom fir-rigward ta' din id-direttiva daqslikieku kienu d-destinatarji tagħha. Barra minn hekk, skont il-Qorti Ġenerali, l-imsemmija awtorizzazzjonijiet ma jagħtux lid-detenturi tagħhom drittijiet paragunabbli għal dawk li kienu jgawdu minnhom ir-rikorrenti fil-kawżi li taw lok għas-sentenzi tas-17 ta' Jannar 1985, Piraiki-Patraiki *et* vs Il-Kummissjoni (11/82, EU:C:1985:18), tat-18 ta' Mejju 1994, Codorniu vs Il-Kunsill (C-309/89, EU:C:1994:197), tat-13 ta' Marzu 2008, Il-Kummissjoni vs Infront WM (C-125/06 P, EU:C:2008:159), kif ukoll tas-27 ta' Frar 2014, Stichting Woonpunt *et* vs Il-Kummissjoni (C-132/12 P, EU:C:2014:100).

27 Ir-raba' nett, il-Qorti Ġenerali qieset, fil-punt 51 tad-digriet appellat, li l-fatt li l-manifatturi u l-importaturi ta' prodotti tat-tabakk imsaħħan li fihom togħma karatterizzanti ma jinsabux, fir-rigward tad-Direttiva Delegata, fl-istess sitwazzjoni bħall-industriji li jinsabu upstream u downstream fil-katina ta' produzzjoni u ta' distribuzzjoni tal-prodotti inkwistjoni huwa irrilevanti f'dak li jirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk l-appellanti humiex parti minn ċirku ristrett. Fil-fatt, l-appellanti, sabiex juru li huma kkonċernati individwalment mid-Direttiva Delegata, ma għandhomx jistabbilixxu li huma affettwati b'mod differenti minn kif huma affettwati operaturi oħra, iżda li huma kkonċernati minħabba kwalità jew sitwazzjoni ta' fatt partikolari għalihom u li jiddistingwuhom bl-istess mod bħad-destinatarju ta' deċiżjoni.

28 Fil-punt 52 tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali ddeduċiet, minn dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, li l-awtorizzazzjonijiet, ir-rappurtar u n-notifiki invokati mill-appellanti ma jippermettux li jiġi stabbilit li huma kkonċernati individwalment mid-Direttiva Delegata.

29 Fil-punti 54 u 55 tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali, b'risposta għall-argument tal-appellanti li din id-direttiva tippreġudika sostanzjalment il-pożizzjoni kompetittiva tagħhom, iddeċidiet, minn naħa, li ma huwiex biżżejjed li ċerti operaturi jkunu affettwati ekonomikament minn att ta' portata ġenerali iktar minn oħrajn sabiex ikunu individwalizzati meta mqabbla ma' dawn l-operaturi l-oħra, peress li l-implimentazzjoni ta' dan l-att issir abbażi ta' sitwazzjoni oġġettivament iddeterminata. Min-naħa l-oħra, is-sempliċi fatt li persuna fiżika jew ġuridika tista' titlef sors importanti ta' dħul minħabba leġiżlazzjoni ġdida ma jipprovax li hija tinsab f'sitwazzjoni speċifika u ma huwiex biżżejjed sabiex juri li din il-leġiżlazzjoni tikkonċernaha individwalment, peress li din

il-persuna għandha tipproduċi l-prova ta' ċirkustanzi li jippermettu li jitqies li d-dannu allegatament imġarrab huwa ta' natura li jindividwalizzaha meta mqabbla ma' kull operatur ekonomiku ieħor ikkonċernat mill-imsemmija leġiżlazzjoni bl-istess mod bħalha.

30 Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-appellanti ma kinux iġġustifikati li jsostnu li huma kkonċernati individwalment mid-Direttiva Delegata u li, għaldaqstant, ir-rikors kellu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

It-talbiet tal-partijiet u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

31 Permezz tal-appell tagħhom, l-appellanti jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla d-digriet appellat,

– sa fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-istat tal-proċedura jippermetti dan, tiċħad l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, tiddikjara r-rikors fl-ewwel istanza ammissibbli u tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tiddeċiedi fuq il-mertu, kif ukoll

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż, inklużi dawk imġarrba quddiem il-Qorti Ġenerali.

32 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja:

– tiċħad l-appell u

– tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż.

33 Permezz ta' digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-25 ta' April 2024, Nicoventures Trading *et* vs Il-Kummissjoni (C-731/23 P, EU:C:2024:380), ir-Repubblika Franċiża ġiet ammessa tintervjeni insostenn tat-talbiet tal-Kummissjoni. Hija titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tiċħad l-appell fl-intier tiegħu u tikkonferma għalhekk l-inammissibbiltà tar-rikors.

Fuq l-appell

34 Insostenn tal-appell tagħhom, l-appellanti jinvokaw aggravju uniku bbażat fuq l-allegazzjoni li l-Qorti Ġenerali wettqet żbalji ta' liġi mwettqa fl-applikazzjoni, għas-sitwazzjoni tagħhom, tal-kundizzjoni li rikorrent għandu jkun ikkonċernat individwalment mill-att ikkontestat. Dan l-aggravju huwa maqsum f'żewġ partijiet separati, ibbażati fuq żbalji ta' liġi li jivvizzjaw, rispettivament, l-eżami tal-elementi invokati mill-appellanti sabiex juru li huma kienu kkonċernati individwalment mid-Direttiva Delegata u l-evalwazzjoni tal-kriterju legali tal-"preġudizzju sostanzjali għall-pożizzjoni fis-suq".

Fuq l-ewwel parti tal-aggravju uniku

L-argumenti tal-partijiet

35 L-ewwel parti tal-aggravju uniku tirrigwarda l-punti 45 sa 52 tad-digriet appellat. L-appellanti jallegaw li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi kemm fl-evalwazzjoni tal-importanza legali tal-elementi li huma kienu invokaw quddiemha kif ukoll meta ddeċidiet li dawn l-elementi kienu insuffiċjenti sabiex jiġi stabbilit li huma kienu kkonċernati individwalment mid-Direttiva Delegata.

36 Għalhekk, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta evalwat kull wieħed mill-imsemmija elementi separatament u individwalment u meta eżaminat jekk kull wieħed minnhom kienx, fih innifsu, suffiċjenti sabiex jiġi stabbilit li l-appellanti kienu kkonċernati individwalment mid-Direttiva Delegata. Tali approċċ ma huwiex konformi mal-ġurisprudenza li teżiġi li tiġi identifikata "s-sensiela ta' elementi" jew "numru ta' punti ta' fatt u ta' liġi" li jistgħu jindividwalizzaw lir-rikorrent.

37 Fl-ewwel lok, kuntrarjament għal dak li ddeċidiet il-Qorti Ġenerali fil-punt 45 tad-digriet appellat, il-fatt li, permezz tar-rappurtar u tan-notifiki ta' prodotti magħmula skont, rispettivament, l-Artikolu 5 u l-Artikolu 19(1) tad-Direttiva 2014/40, l-appellanti kienu identifikabbli mill-Kummissjoni fil-mument tal-adozzjoni tad-Direttiva Delegata huwa rilevanti.

38 L-appellanti jikkritikaw, fit-tieni lok, il-punt 46 tad-digriet appellat minħabba li mill-ġurisprudenza reċenti jirriżulta li l-importanza tal-pożizzjoni fis-suq tar-rikorrent, minkejja li fiha nnifisha ma hijiex suffiċjenti sabiex jiġi stabbilit li l-istess rikorrent huwa kkonċernat individwalment mill-att ikkontestat, hija madankollu rilevanti sa fejn tagħmel parti minn numru ta' elementi li jikkostitwixxu sitwazzjoni partikolari li tikkaratterizza lil dan ir-rikorrent. Issa, dan huwa l-każ hawnhekk, fid-dawl tal-importanza tal-pożizzjoni li l-grupp BAT għandu fis-suq tal-Unjoni f'dak li jirrigwarda l-prodotti tat-tabakk imsaħħan.

39 Barra minn hekk, il-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali, fil-punt 51 tad-digriet appellat, li l-manifatturi tal-prodotti tat-tabakk imsaħħan ma jistgħux jiġu distinti mill-operaturi l-oħra li jintervjenu fil-katina ta' produzzjoni u ta' distribuzzjoni tal-prodotti inkwistjoni ma hijiex fondata fid-dritt. Il-fatt li att jista' jaffettwa wkoll lil operaturi oħra ma jfissirx li ma jistax jikkonċerna individwalment lil operatur li huwa direttament affettwat b'mod sinjifikattiv.

40 F'dan il-każ, is-sistema ta' notifika stabbilita skont l-Artikolu 5 u l-Artikolu 19(1) tad-Direttiva 2014/40 tagħmel distinzjoni bejn id-diversi operaturi li jintervjenu fil-katina ta' produzzjoni u ta' distribuzzjoni tal-prodotti inkwistjoni. Din is-sistema teżiġi biss li n-notifika ssir mill-manifattur jew mill-importatur tal-prodott ikkonċernat u mhux minn operatur li jinsab downstream jew upstream fil-katina ta' provvista. L-eżistenza ta' manifattur jew produttur ieħor ma tistax tiġi invokata f'dan ir-rigward sabiex jiġi eskluż il-fatt li l-appellanti huma kkonċernati individwalment mid-Direttiva Delegata.

41 Fit-tielet lok, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi, fil-punti 47 sa 50 tad-digriet appellat, meta ma tatx importanza suffiċjenti lill-awtorizzazzjonijiet ta' tqegħid fis-suq miksuba minn uħud mill-appellanti qabel l-adozzjoni tad-Direttiva Delegata.

42 F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, l-appellanti jsostnu li huwa żbaljat li jiġi affermat li d-Direttiva Delegata tipproduċi l-istess effetti fuq l-operaturi kollha, irrispettivament minn jekk dawn għandhomx jew le awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni, peress li dawk li għandhom tali awtorizzazzjoni, kuntrarjament għall-oħrajn, ser jitilfuha. It-tieni nett, id-drittijiet li kienu diġà jeżistu qabel l-adozzjoni ta' din id-direttiva ma għandhomx neċessarjament ikunu esklużivi sabiex jitqies li l-appellanti huma kkonċernati individwalment mill-imsemmija direttiva, fis-sens tas-sentenzi tat-13 ta' Marzu 2008, Il-Kummissjoni vs Infront WM (C-125/06 P, EU:C:2008:159), kif ukoll tas-27 ta' Frar 2014, Stichting Woonpunt *et* vs Il-Kummissjoni (C-132/12 P, EU:C:2014:100). It-tielet nett, ma huwiex neċessarju li l-imsemmija drittijiet li diġà kienu jeżistu jkunu "miksuba b'mod indefinit" sabiex ikunu rilevanti f'dan ir-rigward.

43 Il-Kummissjoni ssostni li l-ewwel parti tal-aggravju uniku ma hijiex fondata.

44 Il-fatt li l-Qorti Ġenerali eżaminat b'mod sistematiku u strutturat l-argumenti mqajma fl-ewwel istanza ma jfissirx li hija ma ħaditx inkunsiderazzjoni s-"sensiela ta' elementi" meħtieġa mill-ġurisprudenza invokata mill-appellanti. Il-Kummissjoni tikkontesta wkoll l-idea li, li kieku l-Qorti Ġenerali segwiet l-approċċ invokat mill-appellanti, hija kienet tikkonkludi li dawn kienu kkonċernati individwalment peress li kull element invokat minnhom huwa manifestament rilevanti u importanti.

45 Preliminarjament, il-Kummissjoni tikkritika lill-appellanti talli jagħtu l-impressjoni li bbażaw ruħhom fuq numru kbir ta' elementi li kellhom jiġu evalwati b'mod konġunt mill-Qorti Ġenerali. Issa, permezz tal-argumenti mressqa fir-rikors fl-ewwel istanza, l-appellanti jillimitaw ruħhom, essenzjalment, li jsostnu li huma għandhom status partikolari. Minn naħa, dawn jifformaw ċirku magħluq ta' operaturi ekonomiċi, identifikabbli u effettivament identifikati waqt l-adozzjoni tad-Direttiva Delegata minħabba r-rappurtar u n-notifiki magħmula skont, rispettivament, l-Artikoli 5 u 19 tad-Direttiva 2014/40. Min-naħa l-oħra, id-Direttiva Delegata tista' taffettwa sostanzjalment il-pożizzjoni tagħhom fis-suq. Skont il-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali spjegat b'mod konvinċenti r-raġunijiet li għalihom dawn iż-żewġ argumenti ma jippermettux li jiġi stabbilit li l-appellanti huma kkonċernati individwalment mid-Direttiva Delegata.

46 Fir-rigward tal-ewwel argument, il-Qorti Ġenerali kienet iġġustifikata meta indikat, fil-punt 43 tad-digriet appellat, li r-rekwiżiti previsti fl-Artikoli 5 u 19 tad-Direttiva 2014/40 huma ġenerali, astratti u applikabbli għall-operaturi kollha li jqiegħdu, jew li għandhom l-intenzjoni li jqiegħdu, prodott tat-tabakk fis-suq. Dawn ir-rekwiżiti ma jistgħux jitqiesu li jikkaratterizzaw u jindividwalizzaw il-pożizzjoni tad-detenturi ta' awtorizzazzjonijiet fir-rigward tad-Direttiva Delegata daqslikieku kienu d-destinatarji tagħha.

47 F'dan il-kuntest, l-ewwel nett, l-argumenti tal-appellanti dwar in-natura identifikabbli ta' grupp magħluq ta' operaturi ekonomiċi waqt l-adozzjoni tad-Direttiva Delegata huma ineffettivi.

48 It-tieni nett, il-Kummissjoni tqis li l-appellanti jiżnaturaw il-kontenut tal-punt 46 tad-digriet appellat, sa fejn, bil-kontra ta' dak li huma jsostnu, f'dan il-punt il-Qorti Ġenerali ma għamlitx riferiment għas-sehem tas-suq tal-appellanti iżda għan-numru ta' impriżi affettwati mid-Direttiva Delegata. Issa, dawn iż-żewġ kriterji huma differenti u irrilevanti sabiex jiġi ddeterminat jekk l-appellanti humiex ikkonċernati individwalment minn din id-direttiva.

49 L-appellanti jiżnaturaw ukoll il-punt 51 tad-digriet appellat sa fejn, bil-kontra ta' dak li jsostnu, fl-imsemmi punt il-Qorti Ġenerali ma ddikjaratx li l-manifatturi ta' prodotti tat-tabakk imsaħħan ma jistgħux jiġu distinti mill-operaturi l-oħra li jintervjenu fil-katina ta' distribuzzjoni jew ta' provvista tal-prodotti inkwistjoni.

50 L-argument tal-appellanti li l-eżistenza ta' manifattur jew ta' produttur ieħor ma tistax tiġi invokata sabiex jiġi eskluż il-fatt li l-appellanti huma kkonċernati individwalment mid-Direttiva Delegata huwa ineffettiv peress li l-Qorti Ġenerali ma bbażatx ruħha fuq tali konstatazzjoni fid-digriet appellat.

51 It-tielet nett, l-argument li l-Qorti Ġenerali ma tatx, fil-punti 47 sa 50 tad-digriet appellat, importanza suffiċjenti lill-awtorizzazzjonijiet ta' tqegħid fis-suq miżmuma mill-appellanti għandu jiġi miċħud.

52 Minn naħa, il-Qorti Ġenerali ma ddeċidietx li d-Direttiva Delegata tipproduċi l-istess effetti fuq l-operaturi kollha. L-argument li permezz tiegħu l-appellanti jsostnu l-kuntrarju huwa għalhekk ineffettiv. Min-naħa l-oħra, il-ġurisprudenza invokata mill-appellanti insostenn ta' dan l-argument ma hijiex rilevanti. Għalhekk, is-sentenza tat-13 ta' Marzu 2008, Il-Kummissjoni vs Infront WM (C-125/06 P, EU:C:2008:159), tikkonċerna rikors kontra att ta' portata ġenerali ppreżentat minn persuni li kellhom drittijiet kweżiti, filwaqt li s-sentenza tas-27 ta' Frar 2014, Stichting Woonpunt *et* vs Il-Kummissjoni (C-132/12 P, EU:C:2014:100), hija eżempju ta' rikors ippreżentat minn persuni ġuridiċi kontra att li jikkontesta deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar skema ta' għajnuna mill-Istat li tagħha huma kienu l-benefiċjarji.

53 Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punt 47 tad-digriet appellat, li l-awtorizzazzjonijiet inkwistjoni ma kinux jagħtu lid-detenturi tagħhom drittijiet paragunabbli għal dawk li kienu jgawdu minnhom l-appellanti fil-kawżi msemmija fil-punt preċedenti ta' din is-sentenza. F'dan il-każ, l-allegata konsegwenza tad-Direttiva Delegata tista' tikkonsisti biss f'"*lucrum cessans*", fis-sens ta' tamiet mingħajr bażi, jiġifieri telf ta' opportunità li allegatament ġiet offerta lil kull persuna interessata fil-produzzjoni jew fil-kummerċ ta' prodotti tat-tabakk imsaħħan.

54 Ir-Repubblika Franċiża taqbel mal-argumenti kollha tal-Kummissjoni. Hija żżid li d-Direttiva Delegata tapplika għall-operaturi kollha debitament awtorizzati li jqiegħdu prodotti tat-tabakk imsaħħan fis-suq, inklużi l-kompetituri tal-appellanti. Barra minn hekk, huwa naturali li suq li jkun għadu fil-bidu tiegħu jkun inizjalment magħmul minn numru żgħir ta' operaturi. Madankollu, dan ma jippermettix li jiġi konkluż li l-appellanti, inkwantu operaturi li huma differenti mill-oħrajn biss minħabba l-wasla bikrija tagħhom fis-suq, jinsabu f'sitwazzjoni speċifika, b'tali mod li d-Direttiva Delegata tindividwalizzahom bl-istess mod bħal destinatarju tagħha.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

55 L-ewwel parti tal-aggravju uniku hija bbażata fuq żbalji ta' liġi mwettqa mill-Qorti Ġenerali fl-evalwazzjoni tagħha tal-provi prodotti mill-appellanti sabiex juru li huma jifformaw parti minn kategorija magħluqa ta' operaturi ekonomiċi identifikati jew identifikabbli fil-kuntest tal-adozzjoni tad-Direttiva Delegata u li huma, għaldaqstant, ikkonċernati individwalment minnha, fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

56 L-argumenti żviluppati mill-appellanti jirrigwardaw, b'mod partikolari, il-punti 45 sa 52 tad-digriet appellat, li fihom il-Qorti Ġenerali eżaminat jekk, minn naħa, ir-rappurtar u n-notifiki magħmula skont, rispettivament, l-Artikoli 5 u 19 tad-Direttiva 2014/40 u, min-naħa l-oħra, il-pussess ta' awtorizzazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni miksuba fl-Istati Membri li stabbilixxew sistema ta' awtorizzazzjoni abbażi tal-Artikolu 19(3) ta' din id-direttiva humiex biżżejjed sabiex jindividwalizzawhom bl-istess mod bħalma huwa individwalizzat d-destinatarju ta' deċiżjoni.

57 F'dan ir-rigward, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-persuni li ma humiex id-destinatarji ta' deċiżjoni jistgħu jallegaw li huma kkonċernati individwalment biss jekk din id-deċiżjoni taffetwahom minħabba ċerti kwalitajiet li huma partikolari għalihom jew minħabba sitwazzjoni ta' fatt li tikkaratterizzahom meta mqabbla ma' kull persuna oħra u, minħabba dan il-fatt, tindividwalizzahom bl-istess mod bħalma huwa individwalizzat d-destinatarju (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-15 ta' Lulju 1963, Plaumann vs Il-Kummissjoni, 25/62, EU:C:1963:17, p. 223; tas-17 ta' Settembru 2015, Mory *et* vs Il-Kummissjoni, C-33/14 P, EU:C:2015:609, punt 93, kif ukoll tal-31 ta' Jannar 2023, Il-Kummissjoni vs Braesch *et*, C-284/21 P, EU:C:2023:58, punt 51).

58 F'dan il-kuntest, il-possibbiltà li jiġi ddeterminat, b'mod bejn wieħed u ieħor preċiż, l-għadd, jew saħansitra l-identità, tal-persuni li għalihom tapplika miżura bl-ebda mod ma timplika li dawn il-persuni għandhom jitqiesu bħala kkonċernati individwalment minn dan l-att, sakemm din l-applikazzjoni titwettaq skont sitwazzjoni oġġettiva ta' liġi jew ta' fatt iddefinita mill-att inkwistjoni (sentenzi tas-16 ta' Marzu 1978, Unicme *et* vs Il-Kunsill, 123/77, EU:C:1978:73, punt 16; tat-22 ta' Novembru 2001, Antillean Rice Mills vs Il-Kunsill, C-451/98, EU:C:2001:622, punt 52, kif ukoll tat-12 ta' Lulju 2022, Nord Stream 2 vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-348/20 P, EU:C:2022:548, punt 157).

59 Madankollu, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta wkoll li, meta att jaffettwa grupp ta' persuni li kienu identifikati jew identifikabbli fid-data meta kien ġie adottat dan l-att u skont kriterji li huma speċifiċi għall-membri tal-grupp, dawn il-persuni jistgħu jkunu kkonċernati individwalment mill-imsemmi att inkwantu huma jifformaw parti minn ċirku ristrett ta' operaturi ekonomiċi (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-17 ta' Jannar 1985, Piraiki-Patraiki *et* vs Il-Kummissjoni, 11/82, EU:C:1985:18, punt 31; tat-22 ta' Ġunju 2006, Il-Belġju u Forum 187 vs Il-Kummissjoni, C-182/03 u C-217/03, EU:C:2006:416, punt 60; tat-13 ta' Marzu 2008, Il-Kummissjoni vs Infront WM, C-125/06 P, EU:C:2008:159, punt 71, kif ukoll tat-12 ta' Lulju 2022, Nord Stream 2 vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-348/20 P, EU:C:2022:548, punt 158). Dan jista' jkun il-każ b'mod partikolari meta l-att ibiddel id-drittijiet miksuba mill-individwu qabel l-adozzjoni tiegħu (sentenzi tat-13 ta' Marzu 2008, Il-Kummissjoni vs Infront WM, C-125/06 P, EU:C:2008:159, punt 72, kif ukoll tas-27 ta' Frar 2014, Stichting Woonpunt *et* vs Il-Kummissjoni, C-132/12 P, EU:C:2014:100, punt 59).

60 Għalhekk, sabiex ikun ikkonċernat individwalment bħala membru ta' ċirku ristrett ta' persuni, jeħtieġ, minn naħa, li r-rikorrent juri li huwa kien identifikat jew, minn tal-inqas, identifikabbli, fil-mument tal-adozzjoni tal-att ikkontestat, mill-awtur ta' dan l-att, fuq il-bażi ta' informazzjoni suffiċjentement preċiża li dan l-awtur kien f'pożizzjoni li jiġbor (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Jannar 1985, Piraiki-Patraiki *et* vs Il-Kummissjoni, 11/82, EU:C:1985:18, punt 31), u, min-naħa l-oħra, li dan ir-rikorrent ikollu karatteristiċi speċifiċi meta mqabbel mal-persuni l-oħra li għalihom għandu japplika l-imsemmi att.

61 F'dan il-każ, id-Direttiva Delegata għandha l-effett, l-ewwel, li tipprojbixxi l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tat-tabakk imsaħħan li fihom togħmiet karatterizzanti kif ukoll ta' dawk li fihom togħma f'wieħed mill-komponenti tagħhom u, it-tieni, li tissuġġetta l-prodotti tat-tabakk imsaħħan għat-tipjip għall-istess obbligi ta' ttikkettjar bħas-sigaretti, it-tabakk tal-brim u t-tabakk tal-pipa tal-ilma.

62 Minn dan isegwi li, kif ikkonstatat il-Qorti Ġenerali fil-punti 28 u 30 tad-digriet appellat, mit-23 ta' Ottubru 2023, li hija data li fiha l-Istati Membri kellhom jadottaw dispożizzjonijiet sabiex jikkonformaw ruħhom mad-Direttiva Delegata u li minnha dawn id-dispożizzjonijiet bdew japplikaw, din il-kummerċjalizzazzjoni saret illegali. Minn dan jirriżulta li, b'effett minn din id-data, l-appellanti li kienu jikkummerċjalizzaw prodotti tat-tabakk imsaħħan b'togħmiet karatterizzanti jew b'togħma f'wieħed mill-komponenti tagħhom ġew imċaħħda mill-possibbiltà li jikkummerċjalizzaw tali prodotti.

63 Barra minn hekk, id-Direttiva Delegata kellha wkoll l-effett li temenda, b'effett mit-23 ta' Ottubru 2023, is-sistema li fil-kuntest tagħha l-appellanti setgħu, sa din id-data, jikkummerċjalizzaw il-prodotti tagħhom tat-tabakk imsaħħan, u dan billi għamlet il-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju tal-attivitajiet tagħhom inqas favorevoli milli kienu preċedentement, b'mod partikolari minħabba l-obbligi l-ġodda ta' ttikkettjar li issa huma imposti fuq dawn il-prodotti.

64 Issa, minn naħa, hekk kif osserva, essenzjalment, l-Avukat Ġenerali fil-punti 163 u 164 tal-konklużjonijiet tiegħu, din is-sistema l-ġdida hija l-konsegwenza ta' "bidla sostanzjali taċ-ċirkustanzi", fis-sens tal-punt 28 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2014/40, li ġiet ikkonstatata mill-Kummissjoni, konformement ma' din id-dispożizzjoni, abbażi tal-volum tal-bejgħ tal-prodotti inkwistjoni rrappurtat mill-manifatturi u mill-importaturi, b'eżekuzzjoni tal-obbligu stipulat fl-Artikolu 5(6) ta' din id-direttiva.

65 Min-naħa l-oħra, sa fejn il-prodotti tat-tabakk imsaħħan huma prodotti tat-tabakk ġodda, it-tqegħid tagħhom fis-suq mill-appellanti kien neċessarjament, b'applikazzjoni tal-Artikolu 5 u tal-Artikolu 19(1) tal-imsemmija direttiva, ippreċedut minn notifika lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. Din in-notifika kienet akkumpanjata, b'mod partikolari, mil-lista tal-ingredjenti użati fil-manifattura ta' dawn il-prodotti, li fosthom hemm l-addittivi bħat-togħmiet karatterizzanti, filwaqt li l-informazzjoni kkomunikata f'din l-okkażjoni tqiegħdet għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 19(2) tad-Direttiva 2014/40.

66 Barra minn hekk, dan it-tqegħid fis-suq kien, jekk ikun il-każ, suġġett għal awtorizzazzjoni tal-Istati Membri li għażlu li jużaw il-possibbiltà offruta lilhom f'dan ir-rigward mill-Artikolu 19(3) ta' din id-direttiva.

67 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat, l-ewwel nett, li l-appellanti jagħmlu parti minn ċirku ristrett ta' operaturi ekonomiċi li kienu identifikati jew identifikabbli mill-Kummissjoni, fil-mument tal-adozzjoni tad-Direttiva Delegata, minħabba l-konstatazzjoni, magħmula qabel l-adozzjoni ta' din id-direttiva, ta' "bidla sostanzjali taċ-ċirkustanzi", konstatazzjoni li hija rekwiżit sabiex tiskatta kemm is-setgħa ddelegata tal-Kummissjoni impost kemm fl-Artikolu 7(12) kif ukoll fl-Artikolu 11(6) tad-Direttiva 2014/40, kif ukoll l-obbligi ta' notifika u ta' deċiżjonijiet ta' awtorizzazzjoni msemmija fil-punti 65 u 66 ta' din is-sentenza.

68 It-tieni nett, l-appellanti huma partikolarment affettwati mill-projbizzjonijiet u mill-obbligi l-ġodda stipulati fid-Direttiva Delegata peress li din kellha l-effett li temenda, mit-23 ta' Ottubru 2023, is-sistema ta' kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tat-tabakk imsaħħan li minnha huma kienu bbenefikaw sa dik id-data, u dan billi għamlet il-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju tal-attivitajiet tagħhom inqas favorevoli milli kienu preċedentement, b'mod partikolari minħabba li d-Direttiva Delegata, purament u sempliċement, ipprojbixxiet il-bejgħ ta' prodotti tat-tabakk imsaħħan b'togħmiet karatterizzanti. L-operaturi attivi f'dan is-suq, bħall-appellanti, għalhekk tilfu definittivament id-dritt tagħhom li jikkummerċjalizzaw dawn il-prodotti, u ebda operatur ieħor ma jista' jagħmel dan fil-ġejjieni.

69 Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punt 47 tad-digriet appellat, li l-awtorizzazzjonijiet mogħtija lil uħud mill-appellanti skont id-Direttiva 2014/40 ma setgħux jitqiesu li jikkaratterizzaw u jindividwalizzaw il-pożizzjoni tad-detenturi tagħhom fir-rigward tad-Direttiva Delegata, daqslikieku kienu d-destinatarji tagħha, u meta kkonkludiet, fil-punt 52 ta' dan id-digriet, li l-awtorizzazzjonijiet, ir-rappurtar u n-notifiki li l-appellanti invokaw quddiemha ma ppermettewx li jiġi stabbilit li huma kkonċernati individwalment mid-Direttiva Delegata.

70 Hekk kif osserva, essenzjalment, l-Avukat Ġenerali fil-punt 168 tal-konklużjonijiet tiegħu, in-natura mhux esklużiva tal-awtorizzazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni inkwistjoni, kif imsemmija fil-punt 49 tad-digriet appellat, ma jistax ikollha effett fuq l-individwalizzazzjoni tal-appellanti. Fil-fatt, il-kriterju rilevanti f'dan ir-rigward jinsab fil-modifika tad-drittijiet miksuba mir-rikorrent qabel l-adozzjoni tal-att ikkontestat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Marzu 2008, Il-Kummissjoni vs Infront WM, C-125/06 P, EU:C:2008:159, punt 72), jiġifieri l-fatt li wieħed ikun id-detentur ta' "dritt kweżit speċifiku" (ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-14 ta' Jannar 2021, Sabo *et* vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-297/20 P, EU:C:2021:24, punt 28), mingħajr ma dan id-dritt għandu neċessarjament ikun esklużiv.

71 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, hemm lok li l-ewwel parti tal-aggravju uniku tiġi milqugħa u li d-digriet appellat jiġi annullat, mingħajr ma huwa neċessarju li jiġu eżaminati l-argumenti l-oħra esposti mill-appellanti insostenn ta' din il-parti.

Fuq it-tieni parti tal-aggravju uniku

72 Peress li l-ilqugħ tal-ewwel parti tal-aggravju uniku wassal għall-annullament tad-digriet appellat, ma huwiex neċessarju li t-tieni parti ta' dan l-aggravju, li ma tistax twassal għal annullament iktar estiż ta' dan id-digriet, tiġi eżaminata.

Fuq ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali

73 Konformement mat-tieni sentenza tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', fil-każ li tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, tiddeċiedi definittivament il-kawża hija stess meta din tkun fi stat li tiġi deċiża.

74 F'dan il-każ, għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja, f'dan l-istadju tal-proċeduri, ma hijiex f'pożizzjoni li tiddeċiedi fuq il-mertu tar-rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali, min-naħa l-oħra hija għandha l-elementi neċessarji sabiex tiddeċiedi definittivament dwar l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni matul il-proċedura fl-ewwel istanza.

75 Insostenn ta' din l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, din l-istituzzjoni ssostni li l-appellanti la huma kkonċernati direttament u lanqas individwalment mid-Direttiva Delegata.

76 Fl-ewwel lok, fl-assenza ta' kontestazzjoni speċifika mill-partijiet f'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-intenzjoni li tadotta l-evalwazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali, esposti fil-punti 27 sa 33 tad-digriet appellat, dwar il-kwistjoni ta' jekk l-appellanti humiex ikkonċernati direttament mid-Direttiva Delegata.

77 Fit-tieni lok, mill-kunsiderazzjonijiet li jinsabu fil-punti 61 sa 68 ta' din is-sentenza jirriżulta li, f'dan il-każ, l-appellanti huma kkonċernati individwalment mid-Direttiva Delegata.

78 Minn dan isegwi li r-rikors għal annullament ippreżentat mil-appellanti quddiem il-Qorti Ġenerali għandu jiġi ddikjarat ammissibbli.

79 Il-kawża hija mibgħuta lura quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tittieħed deċiżjoni fuq il-mertu ta' dan ir-rikors għal annullament.

Fuq l-ispejjeż

80 Peress li l-kawża ntbagħtet lura quddiem il-Qorti Ġenerali, hemm lok li l-ispejjeż relatati ma' dawn il-proċeduri jiġu rriżervati.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Il-punt 1 tad-dispożittiv tad-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-20 ta' Settembru 2023, Nicoventures Trading *et* vs Il-Kummissjoni (T-706/22, EU:T:2023:579), huwa annullat**.

2) **Ir-rikors għal annullament ippreżentat minn Nicoventures Trading Limited, British American Tobacco (Germany) GmbH, British American Tobacco Italia SpA (BAT Italia), British American Tobacco Polska Trading sp. z o.o., British American Tobacco España SA u minn P.J. Carroll & Company Limited kontra d-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2022/2100 tad-29 ta' Ġunju 2022 li temenda d-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-irtirar ta' ċerti eżenzjonijiet fir-rigward tal-prodotti tat-tabakk imsaħħan, huwa ammissibbli.**

3) **Il-kawża hija mibgħuta lura quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea sabiex tittieħed deċiżjoni fuq il-mertu tar-rikors għal annullament imsemmi fil-punt 2 ta' dan id-dispożittiv.**

4) **L-ispejjeż huma rriżervati.**

Firem